MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI RIMANDANTI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2007

Numru. 722/2007

Il-Pulizija
(Spettur Chris Pullicino)
(Spettur Mario Haber)
vs
Ebeid Osama

Illum 14 ta’ Settembru, 2007

Il-Qorti.

Rat il-Mandat ta’ Arrest Ewropew mahrug mit-“Tribunale di Modica” kontra Ebeid Osama minn fejn jirrizulta illi din il-persuna hi mfittxija mill-Awtoritajiet Gudizzjarji fl-Italja, pajjiz skedat skond l-artikolu 5 tal-Avviz Legali numru 320/2004 u dan ghar-reati ta’ partecipazzjoni f’organiz-zazzjoni kriminali u traffikar ta’ bnedmin liema reati huma fil-lista ta’ imgieba stipulata bhala kondotta skedata fl-iskeda 2 tal-istess Avviz Legali citat, elenkati fl-istess

mandat u li dwarhom qed tintalab it-treggija lura lejn l-Italja.

Rat ic-certifikat mahrug mill-Avukat Generali skond l-artikolu 7 citat.

Rat it-talba ghall-estradizzjoni tal-istess persuna lejn l-Awtorita' Gudizzjarja imsemmija.

Rat id-dokumenti kollha annessi ma' l-atti.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat:</u>
Illi wara li nghataw diveri digrieti ta' natura procedurali fuq punti ta' din ix-xorta sollevati mid-difisa, il-partijiet, kif jidher mill-verbal tas-seduta tas-7 ta' Settembru 2007, qablu li din il-Qorti tista' mal-ewwel tiddeciedi l-applikabilita' o meno tal-Artikolu 28 A tal-Avviz Legali citat in vista li fil-konfront tal-estradant hemm proceduri kriminali ohrajn quddiem il-Qorti kompetenti Maltija. Din id-dikjarazzjoni saret pero', minghajr pregudizzju dwar jekk hux applikabbli l-principju ta' "ne bis in idem" f'dan il-kaz.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi minhabba dak premess, mhux qed jigi kontestat illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-estradant quddiem it-Tribunal barrani involut huma kollha estradibbli u m'ghandu jkun hemm ebda ostakolu ghall-estradizzjoni tal-istess estradant (ara l-artikolu 12 u 13 tal-istess avviz legali).  Jigi rilevat, pero', illi dwar dak dikjarat in rigward il-principju ta' "ne bis in idem", illi f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, dan l-ostakolu certament ma' jissussistix (izda ara "infra").

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar l-applikabilita' o meno tal-<u>Artikolu 28A</u> ibid, hawn fuq citat, li hu applikabbli jekk din il-Qorti tkun giet informata li l-estradant hu mputat b'reati f'Malta bazat fuq l-att li ma jkunx dak l-att li fuqu jkun ibbazat il-mandat ..."

in esami. F’dan il-kaz, il-Qorti Rimandanti tista’ tipposponi l-konsenja tal-istess estradant sakemm tigri wahda mic-cirkostanzi specifikati fl-istess artikoli 28A (a) (b) (c) (d).

Illi, f’ dan il-kaz, kif jidher mill-premess, ma hemm ebda ostakolu sabiex din il-Qorti tordna t-treggiegh lura tal-estradant in vista li r-reati addebitati lilu mit-Tribunal Taljan huma estradibbli u ma jissussisti, f’dan l-istadju, l-ebda impediment ghall-estradizzjoni a bazi tal-artikolu 13 ibid. Pero’, hu minnu wkoll illi, jekk Hi tordna il-konsenja tal-estradant, ikun hemm diffikultajiet dwar u in konnessjoni mal-proceduri lokali u dan minhabba l-artikoli 401 u 402 tal-Kodici Kriminali, kif spjegat minn din il-Qorti fid-decizjoni moghtija, fuq dan il-punt fis-7 ta’ Settembru 2007 fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Emanuel Borg”.

Ghalhekk anke fil-kaz in desamina, din il-fakolta ser tigi esercitata minn din il-Qorti billi tipposponi l-konsenja tal-estradant skond l-artikolu 28A (2) ibid kif hawn fuq citat.

Ghaldaqstant il-Qorti, minhabba dak premess, tordna li l-estradant jinzamm taht kustodja u li hu jitbaghat lejn l-Italja skond il-mandat ta’ arrest ewropew in ezami u dan skond l-artikolu 13(4) u 24 ibid waqt li tordna li l-konsenja tieghu tigi posposta u sospiza skond l-artikolu 28A ibid u dan skond l-artikolu 13 (4) u 24 ibid.

In oltre jinghad li din l-ordni qed issir minghajr pregudizzju ghal applikabilita’ o meno tal-principju ta’ “ne bis in idem” kif ukoll l-estradant qed jigi nformat li jista’ japplika, quddiem il-Qorti ta’ l-Appell f’ kaz li jhoss li ghandu il-htiega ta’ rimedju jista’ jitlob dan a bazi tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ta’ l-att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------